MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 250/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**

**Kumpilazzjoni Nru: 250/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin, ta' 36 sena, bin Alfred u Maria Victoria nee' Cassar, imwieled San Giljan, nhar il-31 ta' Ottubru, 1974 u residenti fil-fond numru 28, Triq Depiro, Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 528174(M).

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Jannar, 2011, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs), fi Triq ix-Xatt, Sliema;

1. B’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirklostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza msemmija aktar qabel, ghamel denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta’ reat li jien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu nbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza’ jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuji ta’ PS1300 J.Fenech, PC1394 G. Bajada, u lil PC336 F. Imbroll;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS1300 J. Fenech u lil PC1394 G. Bajada;

Akkuzat ukoll talli nhar il-31 ta’ Jannar, 2011, ghall-habta ta’ nofs inhar neqsin ghaxra, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema;

1. Bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna u cioe’ lil PS1300 J. Fenech u lil PC1394 G. Bajada, akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kien jaf li dawk il-persunui huma innocenti;
2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta’ reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti, giet wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 95, 101(1), 110(1)(2), 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident li sehh nhar il-31 ta' Jannar 2011 meta ghall-habta tas-2.30am inharqet vettura f'Triq ix-Xatt Sliema, kif ukoll dak li gara waqt u wara li gie arrestat l-imputat in konnessjoni ma' dan il-kaz. Tressqu diversi persuni mill-prosekuzzjoni biex jaghtu d-depozizzjoni taghhom dwar dawn l-avvenimenti; mill-verzjonijiet taghhom jirrizulta s-segwenti.

Illi fil-gurnata in ezami f'Triq ix-Xatt kien hemm certu Alberto Petraglia qed jistenna t-tfajla meta ra persuna li ddeskriva bhala ragel twil u  rqiq, b'xaharu twil, liebes jeans u gakketta sewda hiereg minn go karozza; f'idejh kellu flixkun. Immedjatament wara ra d-duhhan hiereg minn go l-istess karrozza. Dan Petraglia kompla jghid li dak ir-ragel, li kien ghadu kif hareg mill-karrozza, ghadda minn hdejn il-bus stop li kien hemm vicin tal-karozza, u anke ghadda minn hdejn marra li kienet ghaddejja b'kelb; mbaghad qasam it-triq, beda jhares 'l hemm u 'l hawn u telaq jigri.

Illi dik il-mara li kienet ghaddejja bil-kelb kienet certu Molly Anne Sorrenson. Hi tghid li kienet harget passigjata bil-kelb meta f'xi hin innutat duhhan f'karrozza u bdiet tithasseb jekk ghandiex iccempel ghall-ghajnuna, ghax hasbet li forsi n-nar kien ser jintefa' wahdu. Resaq ragel hdejha u staqsietu jekk dik il-karrozza kenitx tieghu; hu qalla li le; hi qaltlu li ahjar icemplu ghall-ghajnuna u li ma kenitx taf in-number, pero xorta harget il-mobile phone taghha; sa kemm harget il-mobile phone taghha dan ir-ragel telaq 'l hemm. Hi cemplet lill-pulizija u malli cemplet infaqat it-tieqa tal-karrozza u qabad in-nar sew. Il-pulizija, kif ukoll team tac-CPD, marru fuq il-post. Molly Anne

Sorrenson lahqet telqet minn fuq il-post meta waslu l-pulizija.

Illi l-ewwel tlett pulizija li marru fuq il-post kienu PS1300 Julian Fenech, PC336 Francesco Imbroll u PC1394 Gilbert Bugeja. Hemm huma kellmu lil Petraglia li rrakkontalhom x'kien ra. Il-pulizija ghamlu verifiki dwar min kien sid il-karrozza biex ikunu jistghu jinfurmawh b'dak li kien gara; irrizulta li sid il-vettura kien Nicolai Magrin, l-imputat. Fil-waqt li fuq il-post hdejn il-vettura baqa pulizija iehor, it-tlett pulizija fuq imsemmija marru fir-residenza ta' l-imputat. Dahlu fir-residenza tnejn minnhom, u mill-ewwel xebbhu lill-imputat mal-persuna li giet deskritta lilhom minn Petraglia. Malli l-pulizija infurmawh li l-karrozza tieghu kienet inharqet l-ewwel reazzjoni kienet li jghidilhom li zgur kienet il-mara tieghu u dan minhabba disgwid li kien hemm bejniethom kagun tas-separazzjoni li kienu ghaddejjin minnha. Il-pulizija talbuh biex imur maghom fuq il-post; ghall-ewwel irrifjutha pero eventwalment accetta.

Illi meta marru fuq il-post hdejn il-karrozza mahruqa Petraglia kien ghadu hemm, u huwa gharaf lill-imputat bhala l-istess ragel li ra hiereg minn gol-karrozza. Peress li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz PS1300 beda jissusspetta f'l-imputat huwa talbuh biex imur maghhom l-ghassa pero l-imputat irrifjuta, mbotta lil PC1394 Gilbert Agius biex jitlaq 'l hemm; f'dak l-istadju s-surgent infurmah li huwa kien qed jigi arrestat u dahluh fil-karozza biex jihduh l-ghassa. L-imputat beda jistiden lill-pulizija ghall-glied u beda joffendihom u jheddiedhom li ser isibhom barra wiehed wiehed u jaghtihom xebgha. Meta mbaghad l-imputat kien ser jiddahhal fil-lock up, u skond il-prassi saritlu search, il-pulizija sabu, fil-but ta' wara tal-jeans ta' l-imputat, certifikat tal-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura mahruqa u nnuttaw li din kienet imxarrba u kellha riha ta' pitrolju; din giet issigillata u eventwalment prezentata lill-Qorti. L-espert nominat mill-Qorti biex jezamina dan id-dokument ikkonstata li malli fetah l-envelope u hareg dan id-dokument xamm riha ta' kimika kombustibbli u volatili; it-testijiet mbaghad urew li f'dak id-dokument kien hemm tracci ta' kimika li tinstab f'diversi tipi ta' accelerants.

Illi ghandu jinghad li meta l-imputat ittiehed l-ghassa biex jigi registrat beda jallega li ntuzat vjolenza fuqu mill-pulizija li arrestawh u li kien mugugh, ghalhekk ittiehed ic-centru tas-sahha tal-Furjana.

Illi aktar tard dak in-nhar l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Micallef hadet l-istqarrija ta’l-imputat wara li huwa kien ikkonsulta ma’l-avukat ta’ xelta tieghu. Hu innega kwalunke involviment fil-hruq tal-vettura u rega’ allega li hu jissusspetta fil-mara tieghu. Fil-kors ta’ l-istqarrija huwa qal li l-pulizija kienu aggressivi mieghu ... “*qabduni, imbuttawni, habbtuni mal-karrozza tal-pulizija, weggawli saqajja ... bdew jghattu mieghi... hafna ghajjat u storbju u abbuz ta’ poter*”; skond l-imputat dan kollu gara barra fit-triq meta kienu qeghdin hdejn il-vettura fi Triq ix-Xatt. L-imputat kompla jghid (dejjem f’l-istqarrija) li meta kienu fil-karrozza sejrin lejn l-ghassa “*wiehed minnhom sfidani ghall-glied*”. Dwar dak id-dokument li nstab fil-but tal-jeans l-imputat qal li, qabel ma mar id-dar ghand il-genituri tieghu, huwa kien mar f’dar ohra propjeta tieghu biex jimla il-lighter bil-gas u li kif kien hemm ra dak id-dokument u ddecida li jihdu; hu spjega li dan kien fuq mejda fejn kien hemm lampi tal-pitrolju u jista’ jkun li dak ic-certifikat ixxarrab bil-pitolju hemm. Ghandu jigi rilevat li kif solitament isir f’kull stqarrija l-ahhar mistoqsija lill-imputat kienet jekk ghandux xi haga xi jzied ma dak kollu li jkun qal qabel; ghal din il-mistoqsija huwa minn jeddu fost hafna allegazzjonijiet ohra fil-konfront ta’ martu, qal li dwar il-hruq tal-karozza jissusspetta fiha.

Illi wara l-ewwel stqarrija l-pulizija, akkompanjati mill-imputat, marru fid-dar fejn mar jimla l-lighter bil-gas; minn dak li kkonstatat l-ufficjal prosekutur kif ukoll il-pulizija li kien prezenti maghha, ma rrizultax li fuq il-mejda li semma l-imputat seta’ kien hemm xi dokument; lanqas ma xammew riha ta’ pitrolju.

Illi mbaghad ittiehdet it-tieni stqarrija ta’l-imputat tul liema stqarrija huwa baqa’ jinnega l-involviment tieghu fil-hruq tal-vettura u kompla jaghti xi dettalji fuq l-kopertura tal-assikurazzjoni li kellu fuq il-vettura u affarijiet ohra. Huwa

baqa jinsisti ukoll li kien gie aggrediet mill-pulizija u li kellu marki fuq sidru; ghalhekk wara t-tieni stqarrija rega' ittiehed ic-centru tas-sahha.

Illi ghandu jigi rilevat li c-certifikati rilaxxjati kull darba li l-imputat ittiehed ic-centru tas-sahha jikkonstataw li kien hemm: *no external signs of injury*. Ghal kull buon fini ghandu jinghad li (f''xi hin mhux stabbilit) f'l-1 ta' Frar 2011 (cioe l-ghada ta'l-arrest tieghu) l-imputat mar ghand tabib iehor u dan iccertifika li kellu bdengila fuq sidru; ittiehdu x-rays pero dawn ma ndikaw xejn hazin.

Illi l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti u prattikament ikkonferma l-istess verzjoni li ta meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrijiet. Xehed ukoll missier l-imputat li qal li fil-lejl meta inharqet il-karozza ibnu kien barra u dahal id-dar ghal habta ta' 01.45am u li l-pulizija gew ihabbtu ghandhom ghal-habta tat-03.45; huwa jghid li dak il-hin li gew il-pulizija ibnu kien ghadu liebes il-hwejjeg li kien hareg bihom. Kemm l-imputat kif ukoll missieru spjegaw li l-vettura li nharqet kellha tingabar minn auto dealer li minghandu kienu xtraw vettura ohra; spjegaw li parti mill-prezz tal-vettura l-gdid kellu jithallas bi tpatit mal-vettura mahruqa.

Illi dwar l-assikurazzjoni tal-vettura mahruqa ghandu jinghad li kemm l-imputat kif ukoll missieru jallegaw li din kienet assikurata *third party* biss[1]; pero meta gie jixhed rapprezentant ta'l-insurance u anke prezenta c-certifikat tal-polza relattiva hu qal li l-vettura kienet inxurjata *third party fire and theft*.

Illi mill-provi prodotti jidher li hemm kunflitt bejn dak li qed jallegaw il-pulizija u cioe li kien l-imputat li haraq il-vettura min-naha u dak li qed jghidu l-imputat u sa certu punt missieru li ma setax ikun l-imputat li haraq il-vettura. Dan ghaliex skond l-imputat u missieru, l-imputat kien qieghed id-dar fit-02.45 meta suppost rah Petralgia u meta cemplet Molly Anne Sorrenson biex tirrapporta n-nar.

---

[1] Fil-verita anke l-ispettur qallet li meta ghamlet kuntatt mas-socjeta assikuratrici il-persuna li kellmet infurmaha li l-polza kienet third party biss.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-kredibilita ta'l-imputat.

Illi waqt li kien qed jiddeponi l-imputat qal, li "*jien bhal issa qed niehu hsieb lil ommi* ..." u dwar il-lejl in ezami u fil-hin li marru jhabbtu l-pulizija fir-residenza tieghu, li: "... *jien kont qieghed quddiem it-television ghax kont krexxjajt ghax generalment jien niehu hsieb lil ommi fil-ghaxija...".* Issa jirrizulta kemm mid-depozizzjoni tieghu, kif ukoll mill-ewwel stqarrija li rrilaxxja, li fil-lejl in ezami l-imputat kien ilu mit-8.30pm f'hanut tax-xorb il-Hamrun ma' habib tieghu fejn skond hu dam sa xi 1.30am; hemm xorob inbied u birra. Ghalhekk jidher li l-imputat kien *krexxja* mhux ghax kien qatta' filghaxija jiehu hsieb lil ommu imma ghax kien qatta' kwazi erbgha sieghat f'hanut tax-xorb. Fil-fatt missieru iddeskriva gurnata tipika ta' l-imputat hekk: "... *hu normali li johrog ghall-habta tas-siegha, is-saghtejn .. ta' wara nofs in-nhar... u mbaghad forsi jigi naqra u mbaghad jerga johrog*..." deskrizzjoni li tikkontrasta xi ftit mhux hazin ma'l-asserzjoni li ghamel l-imputat li huwa qed jiehu hsieb lil ommu.

Illi meta l-imputat, fil-kors ta'l-ewwel stqarrija, gie mistoqsi x'ghamel fil-hajja rrisisponda li huwa jahdem ma'l-ADT (illum Transport Malta) pero naqas li jghid li huwa sospiez mix-xoghol; kien biss wara li ghamlet investigazzjonijiet ulterjuri l-Ispettur Micallef li huwa ammetta maghha li fil-fatt huwa kien sospiez mix-xoghol.

Illi meta kien ghadu qed jigi investigat dan il-kaz l-imputat allega diversi drabi mal-pulizija li hu haseb li martu kienet responsabbli ghall-hruq tal-karozza tieghu bhala tpattija stante li dak in-nhar fil-ghodu kienet ghamlitlu xi rapport l-ghassa, pero meta kien qed jiddeponi cahad li fil-gurnata ta' qabel l-incident kienu saru xi rapporti minnu jew minn martu fil-kuntest tad-disgwid li kien hemm bejnithom.

Illi hemm ezempji ohra ta' affarijiet li qal l-imputat li jitfghu dell fuq l-kredibilita tieghu bhal l-allegazzjoni li hu ghamel li kien aggrediet mill-pulizija; fi kliem l-imputat (kliem diga riprodott aktar 'l fuq) "*qabduni, imbuttawni, habbtuni mal-*

*karrozza tal-pulizija, weggawli saqajja".* Din it-tip ta' agressjoni zgur li kienet thalli xi sinjali pero mic-certifikati esebiti, inkluz dak rilaxxjat mit-tabib li mar ghandu l-imputat wara li gie liberat mill-arrest preventiv, l-unika haga li tirrizulta hija bdengila wahda fuq in-naha ta' fuq ta'sidru. In oltre, minkejja dak li qal l-imputat li ttiehdu x-rays li juru xi griehi, mic-certifikat rilaxxjat mill-istess tabib jindika li l-x rays ma juru l-ebda ksur. Fil-verita d-dbengila riskontrata, u l-pozizzjoni taghha, huma kompatibbli ma' dak li xehdu l-pulizija li arresstaw lill-imputat u cioe li kellhom idahhluh fil-vettura taghhom ghaliex huwa rrifjuta li jaghmel hekk.

Illi fil-kuntest tal-kredibilita ta'l-imputat l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ukoll ghad-depozizzjoni ta' missier l-imputat, Alfred Magrin, u b'mod partikolari ghall-asserzjoni tieghu li ibnu dahal id-dar ghal-habta tas-saghtejn nieqes kwart, u c-certezza tieghu dwar dan ghaliex hu ghandu nasu hafif u meta jidhol ibnu d-dar matul il-lejl huwa jisimghu anke jekk ikun rieqed. Alfred Magrin qal li meta l-imputat dahal id-dar hu semghu u qam, hares lejn l-arlogg u ra li l-hin kien madwar is-saghtejn nieqes kwart. Sally Anne Sorenson cemplet lill-control room ghall-habta tat-tlieta nieqes kwart; dak il-hin l-imputat kien hdejha u skond Alberto Petralgia telaq jigri malli kellimha; il-post ta' l-incident hu vicin tal-post tar-residenza ta'l-imputat u ftit minuti huma sufficjenti biex tasal minn punt ghall-iehor.

Illi tenut kont ta' l-assjem kollu tal-provi prodotti, inkluz il-fatt li l-imputat m'hux xhud kredibbli, hija l-fehma tal-Qorti li dawn il-provi huma sufficjenti biex jikkonvincuha li kien l-imputat li haraq il-karozza tieghu. Dwar Alfred Magrin u dak li, qal tenut kont tal-provi ma tistax tsekludi li ra l-arlogg hazin fis-sens li dak li hu haseb kien is-saghtejn nieqes kwart kienu fil-fatt it-tlieta nieqes kwart.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u li jirreferu ghall-incident tal-hruq tal-vettura u dak li gara sa kemm ittiehed l-ghassa huma:

- holqien qarrieqa ta' provi foloz;
- holqien ta' reat li jaf li ma sehhx;
- ingurja u theddied fil-konfront ta' tlett ufficjali tal-pulizija; u
- m'obdiex ordnijiet legittmi tal-pulizija.

Illi l-imputazzjonijiet li jirrefru ghal dak li sehh waqt li l-ufficjal prosekutur kienet qed tiehu l-istqarrija ta'l-imputat huma:

- kalunja fil-konfront ta' zewg ufficjali tal-pulizija; u
- holqien ta' reat li jaf li ma sarx.

Illi l-principji regolaturi fir-rigward tar-reati kontemplati f'l-artikoli 101 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe l-kalunja u s-simulazzjoni ta' reat huma ben stabbiliti kemm fid-dottrina u fil-gurisprudenza.

Illi fil-kawza Il-Pulizija vs David Mizzi[2] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Ir-reat ikkontemplat f'l-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat f'l-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mil-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna.*

---

[2] Deciza fis-16.02.1998.

Illi f'kawza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell[3] l-istess Qorti qalet hekk dwar il-kalunja kif kontemplata f'l-artiolu 101:

*L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat"*

U fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Doreen Zammit[4]:

*Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta'kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzataha b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.*

Illi dwar il-kalunja reali jew indiretta l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

*The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the*

---

[3] Deciza fis-17.10.1997.
[4] Deciza fil-15.06.2001.

*competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[5]

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) l-Professur Mamo jkompli hekk:

*The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged …. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation.*[6]

Illi fil-kawza fuq kwotata Il-Pulizija vs David Mizzi dik il-Qorti qalet hekk dwar is-simulazzjoni ta' reat:

*Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali jew diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha*

[5] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 58.
[6] Op cit pagna 59 et seq.

*meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.*

Illi dwar l-element ta'l-ispontanjeta tad-denunzja f'kaz ta' kalunja u f'kaz ta' simulazzjoni ta' reat, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tar-reat ta' kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awotorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati l-formalitajiet preskritti f'l-artikoli 537 et. seq. tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta' kalunja (artikolu 101), hemm gurisprudenza fis-sens li d-denunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. L-ewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta' Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Nicola Brincat et (deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci). F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon fil-ktieb tieghu Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza. Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta'l-artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX ta' l-1911 u – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu – din id-disposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l-Artikolu 211 tal-Codice Zanardelli. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontaneita` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu*

*sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva". L-inkriminazzjoni skond l-artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awitorita` kompetenti toqghod tahli zzmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti.*[7]

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' kalunja reali jew indiretta kontemplata f'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni hija bazata fuq l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li kien l-imputat li qabbad il-vettura biex imbaghad dawk il-provi jkun jidher li hemm prova kontra martu.

Illi kif diga intqal aktar 'l fuq fil-parti dwar l-espozizzjoni tal-fatti u l-provi prodotti l-Qorti m'ghandhiex dubbju li kien l-imputat li haraq il-vettura. Dwar l-element formali l-Qorti hija daqstant konvinta li l-hsieb ta' l-imputat kien li jikkawza hsara lil martu. Dan jirrizulta mill-fatt li malli marru jkellmuh il-pulizija u minghajr ma saqsewh jekk hu jissusspettax f'xi hadd mill-ewwel implika lil martu; in oltre biex jiggustika din l-asserzjoni mal-pulizija hu allega li din kienet tpattija da parti ta' martu minhabba rapporti li kienu saru il-gurnata ta' qabel. Wiehed ma jistax jinsa li l-imputat kompla jimplika lil martu fil-hruq tal-vettura anke meta qed jirrilaxxja stqarrija lill-ufficjal prosekutur.

Illi dwar l-ispontanjeta ta' din d-denunzja ghandu jinghad li kemm meta kien qed ikellem lis-surgent u lill-kuntistabbli fir-residenza tieghu, kif ukoll meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija hadd ma saqsa lill-imputat dwar kellux suspetti f'xi hadd u jekk iva f'min; kien hu li minn jeddu u minghajr

---

[7] Ref Il-Pulizija vs Anthony Farrugia deciza fit-02.04.2003.

ebda spunt da parti tal-pulizija involuti qabad u allega li kienet martu li harqet il-vettura.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar simulazzjoni, reali u verbali, ta' reat kontemplata f'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirreferi ukoll ghall-incident tal-hruq tal-vettura.

Illi kif diga ntqal fil-kunsidrazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni jirrizulat li meta kien qed jitkellem mal-pulizija l-imputat semma b'mod specifiku lil martu in konnessjoni mal-hruq tal-vettura; ghalhekk u in vista tal-principji legali fuq esposti ma jistax jirrizulta ksur ta'l-imsemmi artikolu 110(2). Konsegwentement din it-tieni imputazzjoni ma' tirrizultax.

Ikkunsudrat

Illi t-tielet imputazzjoni hija dwar ingurja u theddied lill-ufficjal pubbliku, u b'mod partikolari PS1300 Julian Fenech, PC366 Francesco Imbroll u PC1394 Gilbert Bugeja; ir-reat issa in ezami huwa dak kontempat f'l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta b'referenza ghal dak li gara waqt u wara li l-imsemmija pulizija arrestaw lill-imputat.

Illi b'referenza ghall-istess cirkostanzi hemm migjuba kontra l-imputat ir-raba imputazzjoni u cioe dik kontemplata f'l-artikolu 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif kienu qed jizvilluppaw f'l-istadji inizjali ta'l-investigazzjoni mexxija mill-imsemmija ufficjali tal-pulizija, PS1300 kien gustifikat fid-decizzjoni li jarresta lill-imputat u li konsegwentement jordnalu li jmur maghhom f'l-ghassa. Pero ghal din l-ordni l-imputat mhux

biss irrifjuta imma anke imbotta lil PC1394 Gilbert Bugeja biex ikun jista' jahrab minn fuq il-post. Aktar minn hekk hu mbaghad jirrifjuta li jidhol fil-vettura tal-pulizija u eventwalment beda jhedded lit-tlett pulizja koncernati.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi l-Qorti hija tal-fehma li anke l-imputazzjonijiet issa in ezami gew sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi l-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar kalunja verbali jew diretta kontemplata f'l-artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirreferi ghall-allegazzjonijiet li ghamel l-imputat fil-konfront ta' PS1300 Julian Fenech u PC1394 Gilbert Bugeja u cioe li huma kienu vjolenti mieghu u li kkawzawlu griehi.

Illi zgur li ma jistax ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li dawn l-allegazzjonijiet saru; saru verbalment malli l-imputat ittiehed l-ghassa; saru ma'l-ispettur Micallef waqt li hija kienet qed tiehu l-istqarrija ta'l-imputat; mhux biss imma anke gew konfermati mill-imputat meta kien qed jiddeponi.

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq f'l-espozizzjoni tal-fatti u l-provi prodotti, ghalkemm l-imputat jghid li huwa gie aggrediet billi l-pulizija qabduh, imbottawh, habbtuh mal-karozza u weggawlu saqajh, ic-certifikati medici ma' kkoroborawhx f'din il-verzjoni. Aktar minn hekk lanqas ix-xhud, Alberto Petragli, li fil-prezenza tieghu sar l-arrest, ma qal li ntuzat xi vjolenza fil-konfront ta' l-imputat.

Illi ghalhekk huwa car li meta ghamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-pulizija koncernati l-imputat kien qed jiddenunzja reat li kien jaf li ma sarx. Din id-denunzja saret b'mod spontanju u volontarju sia meta kien ghadu kif ittiehed l-ghassa ta' Sliema u sia meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija. F'l-ewwel istanza ghaliex kien l-imputat li minn jeddu beda jghid li kien migugh minhabba daqqiet li kienu tawh l-istess pulizija. Waqt li kien qed jirrilaxxja l-ewwel stqarrija tieghu l-ufficjal prosekutur

stqasiet lill-imputat jistax jghidilha fejn kien fit-30 ta' Jannar 2010 fil-ghaxija u ghal dik il-mistoqsija minflok qallha fejn kien u minghajr ma stenna mistoqsijijet ohra da parti taghha beda jirrakkontalha l-avvenimenti kollha ta'l-ahhar sieghat u f'dan ir-rakkont hu, minn jeddu ghamel dawk l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' PS1300 u PC366. Ghandu jigi rilevat li f'dik l-ewwel stqarrija l-Ispettur Micallef ma saqsietu xejn lill-imputat dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza li kien ghamel meta ittiehed l-ghassa ta' Sliema ftit wara li gie arrestat.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li din il-hames imputazzjoni giet pruvata wkoll.

Ikkunsidrat

Illi s-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar simulazzjoni, reali u verbali, kif kontemplata f'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'referenza ghad-denunzja li ghamel l-imputat fil-konfront ta' PS1300 u PC366.

Illi ghall-istess ragunijiet elenkati fil-kunsidrazzjonijiet dwar it-tieni imputazzjoni, la draba l-imputat ghamel denunzja fil-konfront ta' persuni specifici, cioe PS1300 u PC366, ma jistax jirrizulta r-reat issa in ezami.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li meta twettqu dawn ir-reati kienet netta; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li d-denunzji li ghamel l-imputat ma kellhomx effett daqstant gravi.

Ghla dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 95, 101(1), 110(1) u 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni

ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------